



Brussell, is-16 ta' Marzu 2020
REV2 – tissostitwixxi l-avviż (REV1)
datat it-18 ta' Jannar 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin fl-oqsma differenti tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili:

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

- ¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.
- ² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").
- ³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.
- ⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.
- ⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħha, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni huma b'mod partikolari rrakkomandati li:

- jagħmlu użu mill-“programm ta' applikazzjoni bikrija” tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) sabiex jiżguraw konformità regolatorja mar-regoli tal-UE;
- jadattaw il-proċessi għall-fatt li għall-finijiet rilevanti kollha, inkluża l-kapaċità ta' impriża bħala operatur tal-inġenji tal-ajru u ċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru, għandha tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni tar-Renju Unit bħala pajjiż terz u li, għalhekk, se japplikaw ir-regoli rilevanti tal-UE dwar sitwazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi;
- jiżguraw konformità mal-persunal tal-avjazzjoni⁶ b'rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tal-UE sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, billi jittrasferixxu ċ-ċertifikati maħruġa mir-Renju Unit lill-awtorità tal-UE.

1. ĊERTIFIKATI TAT-TIP, ĊERTIFIKATI GĦAL PARTIJIET U APPARAT, ĊERTIFIKATI GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET TAD-DISINN

F'konformità mal-Artikolu 77 tar-Regolament bażiku⁷, l-EASA twettaq il-funzjonijiet u l-kompiti tal-Istat tad-disinn f'isem l-Istati Membri fir-rigward taċ-ċertifikati tat-tip għal prodotti⁸, ċertifikati għal partijiet u apparat u ċertifikati għal organizzazzjonijiet tad-disinn. Ċertifikati bħal dawn⁹ maħruġa mill-EASA lil persuni u organizzazzjonijiet li jinsabu fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Id-detenturi taċ-ċertifikati kkonċernati huma informati li l-prodotti, il-partijiet u l-apparat ikkonċernati mhux se jibqgħu kkunsidrati bħala ċertifikati skont il-Kapitolu III, Taqsima I, tar-Regolament Bażiku.

Id-detenturi ta' dawn iċ-ċertifikati li ma jibqgħux validi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u li jixtiequ jkomplu l-attivitajiet tagħhom fl-UE minn dik id-data 'l quddiem, ikollhom jiżguraw, mill-istess data, konformità mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni. Skont

⁶ Eż. bdoti, ekwipaġġ tal-kabina, għalliema, assessuri, eżaminaturi.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Dan ir-Regolament kien preċedut mir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1). Ir-referenzi f'dan id-dokument tar-Regolament Bażiku jridu jinftehem bħala li jinkludu r-Regolament imsemmi l-aħħar, sa fejn jirrigwardaw perjodi qabel il-11 ta' Settembru 2018.

⁸ Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament Bażiku, “prodott” tfisser inġenju tal-ajru, magna jew skrun.

⁹ Skont l-Artikolu 3(12) tar-Regolament Bażiku, “ċertifikat” tfisser kwalunkwe approvazzjoni, liċenzja jew dokument ieħor maħruġa bħala riżultat taċ-ċertifikazzjoni li juru l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

iċ-ċertifikati inkwistjoni, tali azzjoni tista' pereżempju tinvolvi applikazzjoni lill-EASA għal ċertifikat ta' pajjiż terz, jew inkella għall-ħruġ ta' ċertifikat wara r-rilokazzjoni tal-persuna jew tal-entità fl-UE.

2. ĊERTIFIKATI MAĦRUĠA MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAR-RENJU UNIT

Id-detenturi ta' ċertifikati maħruġa qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni **mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit** permezz tar-Regolament Bażiku u kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew delegat rilevanti, huma infurmati li dawn iċ-ċertifikati mhux se jibqgħu validi fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikulari:

- iċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà, iċ-ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabbiltà, il-permessi tat-titjir, l-approvazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet responsabbli mill-manutenzjoni ta' prodotti, partijiet u apparat, l-approvazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet responsabbli mill-manifattura ta' prodotti, partijiet u apparat, l-approvazzjonijiet għall-manutenzjoni ta' organizzazzjonijiet tat-taħriġ, u ċ-ċertifikati għall-persunal responsabbli mir-rilaxx ta' prodott, parti jew apparat wara l-manutenzjoni, maħruġa skont it-Taqsima I tal-Kapitolu III tar-Regolament Bażiku;
- il-liċenzji tal-bdoti, iċ-ċertifikati mediċi tal-bdoti, iċ-ċertifikati għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-bdoti, iċ-ċertifikati għaċ-ċentri ajrumediċi, iċ-ċertifikati għall-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir, iċ-ċertifikati għall-persuni responsabbli mill-ġhoti ta' taħriġ tat-titjir, mit-taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir jew mill-valutazzjoni tal-ħila tal-bdoti, u ċ-ċertifikati għall-eżaminaturi ajrumediċi, maħruġa skont it-Taqsima II tal-Kapitolu III tar-Regolament Bażiku;
- iċ-ċertifikati għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-attestazzjonijiet għall-ekwipaġġ tal-kabina, maħruġa skont l-Artikoli 30 u 22 tar-Regolament Bażiku;
- iċ-ċertifikati għall-ajrudromi, iċ-ċertifikati għall-fornituri ATM/ANS, il-liċenzji u ċ-ċertifikati mediċi għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, iċ-ċertifikati għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, iċ-ċertifikati għaċ-ċentri ajrumediċi u għall-eżaminaturi ajrumediċi responsabbli minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, iċ-ċertifikati għall-persuni responsabbli mill-provvista ta' taħriġ prattiku jew mill-valutazzjoni tal-ħiliet ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, maħruġa skont it-Taqsimiet IV sa VI tal-Kapitolu III tar-Regolament Bażiku.

Il-partijiet ikkonċernati huma mfakkra li l-EASA taċċetta applikazzjonijiet għal ċerti approvazzjonijiet ta' Pajjiżi Terzi ppreżentati minn detenturi ta' approvazzjoni eżistenti mir-Renju Unit. Dan jikkonċerna ċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet li ġejjin¹⁰:

- **Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi - POA (Formola 55 tal-EASA)**

¹⁰ <https://www.easa.europa.eu/brexit>

- Ittri ta' ftehim għall-produzzjoni mingħajr POA (Formola 65 tal-EASA)
- Approvazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet tal-Manutenzjoni - MOA (Formola 3 u Formola 3MF tal-EASA)
- Approvazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet għat-Taħriġ ta' Manutenzjoni - MTOA (Formola 11 tal-EASA)
- Organizzazzjoni ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà - Approvazzjonijiet tal-CAMO (Formola 14 tal-EASA)
- Apparat ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir - FSTD (Formola 145 tal-EASA)
- Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ Approvati - ATO (Formola 143 tal-EASA)
- Ċentri Ajrumediċi - Ċertifikati tal-AeMC (Formola 146 tal-EASA)
- Ċertifikati ta' fornituri ta' ATM/ANS (Formola 157 tal-EASA)

3. **ĊERTIFIKATI RELATATI MA' PARTIJET U APPARAT MAĦRUĠA MILL-PERSUNI ĠURIDIĊI U FIŻIĊI ĊĊERTIFIKATI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAR-RENJU UNIT**

3.1. **Partijiet u apparat imqiegħda fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni**

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn daww iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu jew jiddaħħal fis-servizz fl-UE jew fir-Renju Unit f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-UE. Konsegwentement, il-partijiet u l-apparat li għalihom persuna ċċertifikata mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit tkun ħarġet ċċertifikat validu ta' konformità skont ir-regoli tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-UE jistgħu jintużaw fl-UE, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli, anki wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dment li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranzizzjoni¹¹.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr hlas¹².

¹¹ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹² L-Artikolu 40 (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

“Provvista ta’ oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu” tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta’ ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta’ sjiċda, ta’ kwalunkwe dritt ieħor ta’ proprjetà, jew ta’ pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta’ offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta’ tali ftehim”.¹³ “It-tqegħid fis-servizz” ifisser “l-ewwel użu ta’ oġġett fl-Unjoni jew fir-Renju Unit mill-utent finali għall-finijiet li għalihom kien maħsub[...].”¹⁴

3.2. Partijiet u apparat imqiegħda fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit wara t-tmiem tal-perjodu ta’ tranżizzjoni

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Persuni ġuridiċi u fiżiċi ċertifikati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, u li jixtiequ jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fl-UE u jorġu ċertifikati skont il-liġi tal-UE, wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, ikollhom jiżguraw, minn dik id-data, li huma ċertifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni (ara b’mod partikolari t-taqsimi 2 ta’ dan l-avviż).

4. OPERATORI TA’ INĠENJI TAL-AJRU MIR-RENJU UNIT

Skont l-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament Bażiku, ir-Regolament Bażiku huwa applikabbli għall-operazzjoni ta’ inġenju tal-ajru lejn it-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, fih jew ’il barra minnu, minn operatur tal-inġenji tal-ajru minn pajjiż terz. Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru mir-Renju Unit se jiġu kkunsidrati bħala “operaturi tal-inġenji tal-ajru minn pajjiż terz” fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni u ta’ leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni. Dan ifisser li se tkun meħtieġa awtorizzazzjoni tas-sikurezza mill-EASA f’konformità mal-Artikoli 60 u 82(1) tar-Regolament Bażiku.

Il-partijiet ikkonċernati huma infurmati li l-EASA taċċetta applikazzjonijiet minn operaturi tal-inġenji tal-ajru mir-Renju Unit għal operaturi tal-inġenji tal-ajru minn pajjiż terz¹⁵.

5. INĠENJI TAL-AJRU RREĠISTRATI FIR-RENJU UNIT

Skont l-Artikolu 2(1)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku, ir-Regolament Bażiku huwa applikabbli għad-disinn, il-produzzjoni, il-manutenzjoni u l-operazzjoni ta’ inġenju tal-ajru, kif ukoll magni, skrejjen, parts, tagħmir mhux installat u tagħmir biex inġenju tal-ajru jkun ikkontrollat mill-bogħod, jekk l-inġenju tal-ajru ikun irreġistrat jew se jiġi rreġistrat f’pajjiż terz u jkun operat minn operatur ta’ inġenji tal-ajru stabbilit, li jkun residenti jew li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-

¹³ L-Artikolu 40(a) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁴ L-Artikolu 40(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁵ <https://www.easa.europa.eu/brexit>

territorju li fih japplikaw it-Trattati. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-inġenji tal-ajru rreġistrati fir-Renju Unit se jiġu kkunsidrati bħala rreġistrati f'pajjiż terz fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u ta' leġislazzjoni oħra tal-UE dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni.

Dan ifisser li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw inġenji tal-ajru bħal dawn iridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku u ma' kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew att delegat rilevanti. Huma jridu jkunu konformi wkoll mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jōhorgu mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar is-servizzi tal-ajru¹⁶ li jikkonċernaw l-użu ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'“pajjiż terz”¹⁷. B'mod partikolari, it-trasportaturi tal-ajru mill-UE bil-ħsieb li jikru bl-ekwipaġġ inġenji tal-ajru rreġistrati fir-Renju Unit se jkunu marbuta mid-dispożizzjonijiet korrispondenti relatati ma' tali inġenji tal-ajru. Fir-rigward tas-sikurezza, huma se jkollhom juru li l-istandards ta' sikurezza huma ekwivalenti għal dawk imposti mill-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali huma ssodisfati.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bl-ajru, inkluż is-sikurezza tal-avjazzjoni (https://ec.europa.eu/transport/modes/air_en) u tal-EASA (<https://www.easa.europa.eu/>) jipprovdu informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

¹⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità, ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

¹⁷ Huwa nnotat li, skont ir-Regolament 1008/2008, inġenji tal-ajru użati minn trasportatur tal-ajru mill-Unjoni iżda li la huma mikrija mingħajr ekwipaġġ u lanqas bl-ekwipaġġ minn dak it-trasportatur, iridu jiġu rreġistrati fi Stat Membru.